# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Ayrton Azzopardi**

**Illum: 26 ta` Frar2024.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonjiet migjuba kontra Ayrton Azzopardi 0356296(M) bin Ronald u Carmen nee Sciberras mwieled fis-27/8/1996 u joqghod 345 Red Lion Triq il-Kbira Zebbug akkuzat talli fid-9 ta' Marzu 2020 ghall-habta ta' 19:15 hrs go Triq Pietru Pawl Bezzina San Gwann soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni HBS083.

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta'

tharis ta’ regolamenti ikkangunajt hruq jew ghjamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga minhabba f’hekk Josef Mugliette baghta offiza gravi fuq il-persuna li tkun gabet il-konsegwenzi msemmijien fl-artikolu 218 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifikat Dr Elaine Buttigieg MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f’ kas ta’ htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill- LS 65.18 Art 36 B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328(b) u 218 (1) (2), 226(1) tal-Kap 9, LS 65.18 Art 36 B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha, d-dokumenti kollha ezebiti u l-provi kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Rat l-affidavit ta’ Dr Elain Buttigieg.

Rat l-affidavit ta’PS 790 Nathan Zerafa kif ukoll ix-xhieda viva voce tieghu fejn qal issegwenti:

Pros: Surgent, Inti kont il-first responding officer f’dan il-kaz?

Xhud: Iva.

Pros: U ha jghida fuq l-iskizz hux hekk?

Xhud: Iva.

Qorti: Dak iz-zmien kont stazzjonat hemmek?

Xhud: Kont stazzjonat dak iz-zmien San Giljan.

Pros: Tista tispjegalna fejn kien instab il-Pedestrian?

Xhud: Jiena ezatt kif pingejt fl-iskittz, kont sibt lil dan il- Pedestrian taht il bankina qishu, dik qisha island tigi. Mid- dehera ried jaqsam it triq biex jitla fuqha minn xix kien qalli u ma lahaqx tela minhabba li gie milqut mill-vettura li hi indikata fl-iskizz.

Qorti: Hemm indikat fl-iskizz?

Xhud: Iva, mela. Kif sibthom pingejthom.

Pros: Hu x’kien qallek?

Xhud: Wara qalli li kien lahaq qasam minn direzzjoni ohra. Minn kif kont fimt, qasam minn din in-naha.

Qorti: Din in-naha x'igifieri? Ghamilli marka fejn.

Xhud: Pero dak ovjament ma stajtx narah,kien qasam hekk ghal ghawnhekk u gie milqut.

Qorti: Il-vlegga minnfejn gie u l "X" piu o menu l-impatt?

Xhud: Presumably, dejjem.

Qorti: Mela inti sibtu hemm?

Xhud: Ezatti.

Qorti: Ma kellekx debris fl-area? Ghax Pedestrian hemmek.

Xhud: Le, xejn ma kien hemm. Ghax mid-dehera kif niftakar l-impatt kien qishu kaxkru xi bicca, pero mhux ha jinkisru xi affarijiet ghax qabadli saqajh kien litteralment.

Qorti: Minn fuq ir-rapport qieghed tara hux hekk?

Xhud: Iva. Gibt kopja ta' l-isketch ukoll.

Avu: Igifieri dan l-iskizz ghamiltu inti?

Xhud: Iva.

Avu: Ha nistaqsik domanda. Hemm xi raguni ghalfejn din it-triq ghamilta wieghsa hafna iktar minn din?

Xhud: Jiena kif rajthom u kif kejjilt.

Avu: Kejjilt?

Xhud: Iva, kejjilna dejjem.

Avu: Ma hawnx kelj ghawn.

Xhud: Dak mghandhux kejl.

Avu: Il-legend hawnek qieghed jghid "not to scale, xahaga "wet" "

Xhud: Inkun hrigtu xorta fuq kejl, igifieri xorta nkunu kellina bejn wiehed u iehor, ovjament ma jkunx preciz. Fil-fatt ghawnek wieghsa ghaliex ghandek il-bini maqtuh

Avu: Ir-raguni ghalfejn qieghed nghidlek hekk ghax prattikament qieghed nistaqsi ix xhud, biex nara jekk jidentifikax it triq.

Qorti: Qieghed hemm, ezebit dak.

Xhud: Fil-fatt wieghsa ghax ghandek il bini maqtugh hawn, Sinjura Magistrat.

Qorti: Ghalxiex qieghed tirreferi? Ghandu xi numru id-dokument?

Xhud: Doc JM

Avu: Dak inhar meta kont fuq il post inti, fuq in-naha tat-triq fejn qasam,

Qorti: Minn fejn ghamel il-vlegga?

Avu: Mhux minn fejn qasam, il-fejn kien qieghed jaqsam, inti ghamilt is-salib ghawnek, ara nghidx sewwa, illi hemmek kien hemm vetturi ipparkjati.

Xhud: Ma niftakarx

Qorti: Kieku kien hemm kont tghamilhom?

Xhud: Gieli npingihom, pero mhux dejjem. Skond kemm ikolli xoghol.

Avu: Ir- raguni ghaliex qieghed nghidlek hekk surgent, hija li kif hija mpingijja din, l-ispot of impact ghamiltu inti vicin hafna tal-bankina

Xhud: Presumably l-ispot of impact, ghaliex jiena sibtu ma l-art kif pingejtu il-bniedem. Qieghed nassumi li kien hemmek.

Avu: Allura jien fhimtek hazin li int mort fuq il-post?

Xhud: Jiena kont 1st responder fuq il-post.

Avu: Minn fejn pingejt l "X" sa fejn inti sibt il persuna, rajt xi drag marks jew xi haga hekk?

Xhud: Ma kien jidher xejn.

Avu: Igifieri qieghed nghid sewwa li mhux iprezumejt inti illi intlaqat f'dan il-punt. Inti qieghed tghid allura li il-vitma qallek li intlaqat f'dak il-punt.

Xhud: Ghaliex hu qalli kaxkru uwkol, middehera kaxkru bicca zghira.

Qorti: Il-vittma qallek hekk fuq il-post tal-incident?

Xhud: Le, wara minhabba li il-vittma kien mugugh hafna f'dak il-mument.

Qorti: Meta qallek dan id-diskors kien qallek fuq sketch jew qallek bid-diskors?

Xhud: Bid-diskors.

Avu: Ha nirreferik ghar-rapport stess fejn hu iddikjara li intrifes, imbghad gie biex jikkoregi l-verzjoni tieghu numru ta xhur wara u qal li gie milqut mill-vettura, igifieri ma jistax ikun li dak il-hin qallek li tkaxkar. Surgent, Inti meta kellimtu l-ewwel darba,kienx issa dak il-hin fuq il-post ma stajtx tkelmu ghax kien qieghed mugugh, skond inti. Pero meta inti kellimtu l-ewwel darba, x'qallek intlaqat jew li intrifes?

Xhud: L-ewwel darba niftakara,ghax kien kommoss, ir-ragel kien muguh nerga nghid u l-ewwel darba li kellimtu, iktar igedwed beda u milli stajt nifhem jien dak il-hin, illi mid-dehera rifsitu l-karozza. Imbghad wara rega kellimni minhabba li kellimni diversi drabi fuq dan ir-rapport. Kien spjegali u qalli "Kaxkarni lili u nixtieq nikkoregi il verzjoni tieghi.

Avu: Mela Surgent, meta kellimtu l-ewwel darba inti?

Xhud: Dak in-nhar ta l-incident.

Qorti: M’ghadekx kif ghid li ma hadtx il-verzjoni dak inhar?

Xhud: L-ewwel darba li smajtu ma stajtx nifmhu sew.

Qorti: Li ghandek miktub fl- RAR il- “verzjoni tieghu”, dak li qalli f’dak il- mument jew qallek wara?

Xhud: Hemm update sippost. Hemm update li qalli it-tieni darba.

Qorti: Inti ghidli li f’dak il mument ma stajtx tkelmu u kelmek wara imbghad kien hemm update. Issa qieghed tghid li fil-mument li kien ma l-art kellmek.

Xhud: L-ewwel darba wara l-impatt, x`hin bdejt inkelmu irrealizzajt li dan kien qieghed igedwed u ma stajtx noqghod sew fuq dik il-verzjoni u fthemt mieghu biex meta jkun tajjeb itini verzjoni sewwa.

Avu: Dan id-diskors li qieghed tghid inti ghaliex ma nkludejtux fir-rapport illi ma stajtx tifhmu?

Pros: Qieghed page 3 of 6 “Person’s statement”, il-vittma.

Qorti: Page 3 of RAR qed nghidu. Hekk qallek? “When I was crossing the road a vehicle stepped on my foot version was updated today 6/10, when he explained iit on the day apart from stepping on his foot, the vehicle had an impact with his right leg causing severe injuries to his leg. The version of events was updated since at the time of accident, subject was in a lot of pain and couldn’t explain himself properly.

Avu: U kemm wara sar l-update?

Qorti: 6th October

Avu: L-incident gara f’Marzu?

Xhud: Hekk hemm indikat fuq ir-rapport.

Avu: Inti ghidlina li kellimtu diversi drabi?

Qorti: Iva jew le?

Xhud: By phone kemm il-darba kellimni kien.

Avu: By phone?

Xhud: Iva, biex jara jqieghed jigri fuq ir-rapport u dawn l-affarijiet.

Avu: Igifieri kemm il darba li qieghed ikelmek fuq it-telephone qieghed jghidlek li ma ntrifisx imma tkaxkar.

Xhud: Ma niftakarx x’kien fihom il-konverzazzjonijiet, ilu 3 snin.

Avu: U dawn il-calls inti ma llogjajtomx fir-rapport?

Xhud: Le, Mhux sistema li nistghu nillogjaw il calls, ma hsibtx li kienu li relvanti. Dak kollu li kien relevanti ktibtu fir-rapport.

Avu: Surgent, ahna ghandna informazzjoni li dak il-hin stess tal-incident, hu cempel lit-tfajla tieghu, kellima normali cempel lil imghallem tax-xoghol tieghu biex jghidilhom u jinfurmhom li mhux ha jkun diehel ghax-xoghol. Allura kif inti wasalt fuq il-post beda jitkellem dan u ma bediex jinftihem?

Xhud: Jien meta wasalt fuq il-post ma kien hemm l-ebda persuni ohra, nahseb diga spjegajt.

Avu: Inti spjegajt li hu tak il-verzjoni tieghu.

Xhud: Mhuwiex kliemi dan.

Avu: Kif mhux kliemek, Igifieri meta jghidlek minn fejn qieghed jaqsam, sa fejn qasam u fejn kien wasal, dak ftemna kollox.

Xhud: Dak at a later stage

Avu: Tista tghidli kif fhimt kollox dwar id-dinamika ta' l-incident, hlief din, imbghat ma kienx qieghed jitkellem sew, ma stajtx tifmhu?

Xhud: Jien kif nasal fuq il-post niprova nara x'gara, billi nsaqsi l-vittma u lix-xufier, u rajt li qieghed ihawwad dak ilhin beda dan, ghid "mela ha nerga niprova nkelmu iktar tard".

Qorti: Kif telaq minn fuq il-post?

Xhud: Bl-Ambulanza.

Avu: Jien qieghed nghidlek li ma sar l-ebda update ta kif sar l-incident. Igifieri meta hu qieghed jirrakkontalek fuq il post tal incident u qieghed jispjegalek x'gara int nizzilt u ma kellek l-ebda diffikulta biex tifmu. Meta giet ghal din ghal xi

raguni, skond inti, beda jhawwad. Tista tispjega din?

Xhud: Minix nifhem id-domanda tieghek.

Qorti: Ix-xhud mhux hekk qal, qal li meta mar fuq il-post kellu sieqU miksura u ma kienex f'posizzjoni li joqghod jghidlu x'gara u x'ma garax, beda jhawwad. Allura bhal ma jghamlu dejjem meta jkunu b'sieq miksura go nofs ta' triq mhux ha jiehdu xhieda tan-nies.

Avu: Sinjura Magistrat mhux hekk qal

Qorti: Iva, hekk qal, issa ara it-transcripts.

**<u>Josef Mugliette, xehed hekk</u>**

Avu: Mela l-ewwel nett id-data ta` meta kienet?

Xhud: 9 ta` Marzu 2020.

Avu: Il-hinijiet bejn wiehed u iehor?

Xhud: Is-7.10 jew 7.15.

Avu: Issa ghidilna ftit fejn tahdem.

Xhud: L-ultimate ta` San Gwann.

Qorti: Meta kienet id-data please?

Xhud: 9 ta` Marzu 2020 fis-7.00 ghalaqt xis-7.10.

Avu: Qed tghidilna fis-7.00 ghalaqt inti fejn tahdem?

Xhud: Ultimate ta` San Gwann.

Avu: Ghandek xi haga biex tispjegalna ir-rotta biex tmur ghall-karozza ghandek xi haga x`torina? Ha jispjega minnn fejn ghadda u minn fejn ittajjar, ha jimmarkalna minn fejn kien qed jaqsam, u ghidilna ftit minn fejn kont qed taqsam u fejn sehh l-impatt tal-incident immarka b`ittra X minn fejn intlaqat, issa spjegalna ftit.

Qorti: Igifieri inti ilhaqt qsamt it-triq meta laqtek?

Xhud: Kont ijja kont ha naqbad il-bankina.

Qorti: U hu minn fejn gie?

Xhud: Mit-triq ta din in-naha ha nimmarka nghamel ittra Y.

Qorti: Igifieri dan he cut the corner biex laqtek?

Xhud: Le jiena bazikament qsamt minn fuq it-traffic island,

Qorti: Gifieri dan fit-triq int kont hawn u dan flok ma ghamel hekk qasam hekk?

Xhud: Iva ghax hekk iddur hemmekk.

Qorti: Dan meta dahal, dahal on the right if the road or on the left?

Xhud: On the right.

Avu: Issa inti wara l-impatt x`gara u x`qallek hu, l-ewwel nett qed tarfu hawnekk min tajjrek?

Xhud:    Ijja is-sinjur t`hemmekk.

Qorti:   Ix-xhud indika lil imputat.

Avu:     Issa meta sehh l-incident x`gara xqallek?

Qorti:   Hemm xi haga fit-triq li tipprojbixxi li diehla minn triq … … ghall-triq Pitreu Paul Bezzina jghaddi minn fuq minn mhux minn fuq il-left imma fuq ir-right dik li ghandi bzonn inkun naf jien?

Xhud:    Id-dritta ta` triq Pawlu id-dritta ghax hawn trid tieqaf fis-sens umbaghad tohrog.

Qorti:   Sa fejn naf jien il-karozzi on the left mhux on the right.

Avu;     Issa inti meta ittajjart u hareg ix-xufier lilek x`qallek ix-xufier?

Xhud:    Qalli skuzani ma rajtekx.

Qorti:   Mela ha nara sew ha nara fhimtekx jiena int kont kwazi wasalt ghan-naha l-ohra u l-vettura l-ohra

laqtitek meta int kont kwazi wasalt san-naha l-ohra?

Xhud: Ehe.

Avu: Issa inti x`soffrejt?

Xhud: Ksur f`sieqi u bl-impatt tbattietli il-vista ukoll.

Avu: Issa ghandek xi certifikati medici li tista tezebixxi rigward dakli soffrejt minhabba dan l-incident?

Qorti: Irid jitla l-ispecjalista jikkonfermhom.

Avu: Issa kemm domt l-isptar minhabba dan l-incident?

Xhud: Mela hawnekk ghandi certifikat habba ghajnejja dan ta` sieqi.

Pros: Sur Mugliett kellek tirraprezenta xi haga inti?

Xhud: Iva, tlabtuni ta l-isptar id-darba l-ohra.

Prose: Spjegalna x`inhi sinjur.

Xhud: Dan ic-certifikat minhabba ta sieqi, il-griehi li soffrejt.

Pros: Ta` Zammit Maemple jaqaw?

Xhud: Ezatt, ta’ Maemple.

Qorti: Dak diga ezebit?

Pros: L-iehor,

Xhud: Ta’ l- isptar, il-Case Summery.

Qorti: Doc JM.

Avu: Sur Mugliett,il- kundizzjoni tat-triq, mhux kinitx imxxarba jew le. L-ewwel haga, fi x-hin kien?

Xhud: Qishu is 7:10 jew 7:15 ghax ghalaqt fis- 7:00.

Avu: Nghid sewwa li kien id-dlam?

Xhud: Kien qieghed jidlam imma ma kienx dlam cappa.

Avu: Meta kont qieghed taqsam, mill-liema naha tat-triq kont qieghed taqsam? Ghax it-triq kif inhi ghandek nizla min-naha tal-lemin inti u thares lejha, imghad ghandek triq fuq in-naha tax-xellug u ghandek triq ohra tinzel l-isfel fuq in-naha tax-xellug. Minn fejn kont qieghed taqsam?

Xhud: Nista nurikhom l-isketch?

Qorti: L-isketch ezebit?

Avu: M'ghandiex x'taqsam, ahna ghal punt minn fejn kien qieghed jaqsam.

Xhud: Immarkajt minn fejn ghaddejt.

Qorti: Ghal liema dokument qieghdin tirreferu?

Pros: JM.

Xhud: Bazikament Jiena qsamt il mainroad minn fejn hemm iz-zebra cross, imxejt it-tul kollu u kif wasalt fit tarf.

Qorti: Jien mhux qed nara xejn u ma nafx x`qieghed tghidli.

Avu: Fuq liema dokument ghamiltu?

Xhud: Doc.JM

Avu: Sewwa, ghawnek ghawn qisha vlegga, qisha “S”

Xhud: Ezatt, ghax hemm traffic island imbghad mxejt sa fejn kont ipparkjat

Avu: Fl-istqarrijja tieghek, meta ghamilta inti mal-pulizija l-ewwel darba? Mhux id-data qieghed nghid, inti ghamilt l-istqarrijja tieghek dak il-hin meta gew fuq il-post?

Xhud: Niftakar kien cempilli l-ghada.

Avu: Igifieri inti meta waslu l-Pulizija fuq il-post ma kellimthomx jew ma kelmukx?

Xhud: Sincerament ma niftakarx ghax imbghad gejt qisni f’taht xokk, ghall-ewwel kont orrajt pero imbghad bdejt inhoss l-ugieh jghafas.

Avu: Meta inti bdejt taqsam it triq fejn urejtna fuq DoK JM ghan-naha l-ohra, nghid sewwa li fuq in-naha lejn fejn kont qieghed taqsam anka minn fejn kont qieghed taqsam, kien hemm karozzi ipparkjati?

Xhud: Iva, ghaliex hemmek fejn kont ipparkjat

Avu: Igifieri nghid sewwa illi fejn int ridt tasal fin-naha l-ohra, inti eventwalment kellek iddur ma karozza biex inti tasal titla fuq il bankina tan-naha l-ohra sewwa?

Xhud: Le jien mort ghan nofs, biex jiena nara il-lanes jekk kienx ikun gej xi hadd jew le, u jiena nkun vizibli hin kollu ghal min ikun gej u filfatt metru il-boghod mil-bankina kont qieghed meta gara.

Avu: Qabel ma ntlaqat u qieghed taqsam, il-vettura tieghu ma rajtiex qiegheda ddur?

Xhud: Le.

Qorti: Fejn laqtek, dik 2 way?

Xhud: Naha tinzel u naha titla, nghaddi hekk ghax gieli mill-lane l-ohra jitilghu bil-kontra.

Qorti: Inti qabel l-impatt ezatt lilu rajtu?

Xhud: Le, indunajt kif spiccajt ma l-art , ma ndunajtx x’gara.

Qorti: Meta laqtek kont ghawnek fejn ghawn din il-persuna zghira?

Xhud: Ftit lura kont propja.

Avu: It-triq li kont qieghed taqsam minn go fiha, hija 1 way?

Xhud: Jien fuq it traffic island kont miexi. Ghandek naha tidhol u naha tigi. Din-naha tinzel l-isfel.

Avu: Din t'hawnek?

Xhud: Dik id-dritta.

Qorti: Hemmek 2 way jew 1 way?

Xhud: Hemmek tinzel biss

Avu: Mela minn fejn kienet gejja l-karozza, hija 1 way ma tistax titla l-fuq.

Xhud: Ezatt

Avu: Imma il-fejn kiennet sejra l karozza fejn intlaqatt inti, hija 1 way tinzel lisfel biss nghid sewwa?

Xhud: Hekk suppost, iva.

Qorti: Mela it- 2 way li semmejt liem wahda hi?

Xhud: 2 way?

Qorti: Saqsejtek ghidtli 2 way.

Xhud: Din in-naha tinzel u din in-naha titla imma, lane u lane aliha mhux fl-istess karregjata.

Qorti: Sinjur dik mhux 2 way sinjur. Dik 1 way u 1 way tigi

Xhud: Le ghax gieli minn din in-naha jghaddu bil kontra. Ghax hadd ma jghati kazha.

Qorti: Grazzi, jien nista nidhol minn 1 way? Ma jfissirx li tista tidhol minn 1 way.

Avu: Nghid sewwa li dak il- hin tal-incident kien hemm karozzi ipparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq?

Xhud: Ezatt, iva

Avu: U inti qieghed tghidlna li sa fejn taf inti, ma rajtux lilu?

Xhud: Le. Ma kienx hemm karozzi la l'ghawn u lanqas in-naha l-ohra.

Avu: Lilu, mhux karozzi ohra. Lilu ma rajtux.

Xhud: Le.

Avu: Inti meta allegatament laqqtek bil-vettura, x'gara spiccajt ma l-art, tirt, x'ghamilt?

Xhud: Jien tkaxkart spiccajt ma l-art u mort niprova inqum, zammejt mal bumper.

Avu: Mela inti qieghed tghid li meta laqtitek il-vettura, inti x'gara, spiccajt taht ir-rota?

Xhud: Ifimni, dak il-hin ma nafx, tkaxkira li hassejt jien. Imbghad mort biex niprova nqum. Ghax jien kont metru l-boghod mil-bankina.

Avu: Jien qieghed niprova nifem jekk kaxxkrek, inti inqbadt taht il-karozza.

Xhud: Bid-daqqa imbuttani, ghax ma bqajtx l'hawn ersaqt l'hawn

Qorti: X'igifieri l'hawn, imxejt il-quddiem?

Xhud: Ghax hu fejn laqatni, fejn hemm impengi fl-isketch, jiena kont f'nofs l-island u bid-daqqa tefani l'hawn.

Avu: Kif kont f'nofs l-island?

Qorti: Urini fl-isketch minn fejn ghal fejn ghax minix nifhem fejn qieghed tghid "l-hawn"

Xhud: Igifieri nghamel fejn ghamel l-impatt u fejn kaxxkarni?

Qorti: Impatt u ghal fejn kaxkrek. Ghamel "X" fejn kien hemm l-impatt u bil-vlegga mur ghal fejn kaxkrek.

Qorti: Qieghed jghidlek li hu laqtu piomenu mal-kantuniera u tellghu naqra l-fuq jien hekk fhimtek.

Xhud: Ezatti u kaxxkarni bicca.

Avukat: Igifieri inti qieghed tghidli, intlaqat fejn hemm il-cross il blu u tkaxkart in naha l-ohra, igifieri dan tiftakru inti li tkaxkart?

Xhud: Iva.

Avu: Igifieri dan tiftakru inti li tkaxxkart?

Xhud: Iva.

Avu: Allura qieghed nistaqsik jekk inti tkaxkart, igifieri inti spiccajt taht il-vettura?

Xhud: Jien ma dhaltx tahta imma sieqi kienet meqluba tahta.

Avu: Jiena qieghed nghid “spiccajt taht il-vettura" mhux gismek kollu igifieri inti qieghed tghid li sieqek spiccat taht il-vettura?

Xhud: Ezatt, iva

Avu: Igifieri rikbitek ir-rota?

Xhud: Ma nahsibx li rikbitni, imma minix cert. Niftakar li kienet imwahhla hemm taht u mort biex inqum.

Avu: Tista tispjega ghalfejn inti meta kellmuk il-pulizija l-ewwel darba ghidtilhom li inti intrifist mill-vettura u mhux li tkaxxkart?

Xhud: Ma jidhirlix li semmejt li intrifist imma.

Avu: Hekk hemm fir-rapport, imbghat ikkoregejtu.

Xhud: Ghax imbaghad kif rajna ir-rapport ghedt “jiena ma ntrifistx”, Kieku nixtieq li ntrifist mhux ksirt sieqi.

Avu: Igifieri inti qieghed tghid illi inti lil pulizija qatt ma ghidilhom li intrifist.

Xhud: Ma ntrifistx le, issa jekk kont taht xokk ma nafx. Jien ghalija ma ghedtilhomx li intrifist.

Avu: Ma nafux issa jekk dak il-hin kellimtomx il-pulizija jew le. Ftit qabel ma gew il-pulizija fuq il-post, nghid sewwa li inti cempilt lit-tfajla?

Xhud: Iva, lit-tfajla u lil tax-xoghol. Is-supervisor,fil-fatt pruvajt inqum dak il-hin ukol imma mbghad rajt sieqi.+

**Frederick Zammit Maempel,**

Ikkonferma Dok FZM u elabora dwar l-istess fix-xhieda tieghu .

**Benedict Vella Briffa**

Ikkonferma DOK JM1 u elabora dwar l-istess.

**Fil-Qorti ta’l-Magistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. , Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ayrton Azzopardi**

**Kawza: Kolluzzjonijiet**

**Illum: 2023.**

**<u>Ayrton Joe Azzopardi, xehed hekk:</u>**

Xhud: Mela jien mieghi gibt xi ftit dokumenti ftit minnhom minn google maps u ohrajn li hadt dak in-nhar stess tal allegat incident.

Qorti: L-incident sar sinjur jekk kellekx tort jew le mhux allegat.

Avu: Ayrton kemm ghandek ritratti?

Xhud: 13 u ghandi pendrive ukoll.

Qorti: Haddthom dak in-nhar?

Xhud: Mhux kollha.

Qorti: Mela ghamilli l-ewwel ta’ dak in-nhar.

Xhud: Mela ta dak in-nhar ghandi dawn it-2 fejn waqfet il-vettura.

Qorti: Dak in-nhar haddthom dawn?

Xhud: Iva, hawnekk ghandi dokument li juri minn google maps fejn sehh l-accident, dak ir-ritratt qed juri vleggeg indikat minn fejn kont gej jiena minn Triq Ismek Tifhirek ha ndur ghall triq Pietru Pawl Bezzina, issa bhalu ghandi ukoll minn fuq ukoll minn google maps ukoll.

Qorti: Igifieri il-vlegeg ghamilthom int?

Xhud: Iva, issa dawn iz-zewg ritratti li juru l-kundizzjoni tat-triq dawn ma ittiehdux dak in-nhar imma mort fuq il-post granet ohra f`hin simili ukoll li kien madwar is-7.30 f`Marzu li juri li kien hemm id-dlam kien diga dalam u mort apposta fl-istess hin simili ukoll.

Qorti: Mhux dak in-nhar wara mort?

Xhud: Iva, issa li ha nipprezenta issa haddthom dak in-nhar tal-incident li juri fejn waqfet il-karozza dan bazikament huma l-istess ritratt wiehed bil-beacon lights tal-ambulanza u tal-pulizija u wiehed minghajr issa ta dawn iz-zewg ritratti ukoll ghandi motion photo ta 4 sekondi li juri l-beacon lights jixhghelu.

Qorti: Dic-cirku x`inhi fuq AA6?

Xhud: Hemmekk minhabba kif kont qed indur jiena rajt lil persuna minn tal-fanal tieghi tax-xufier x`hin id-dawl gie fuqu, ghandi dan minn google maps fejn sehh fejn gara l-accident ic-cirku immarkat juri bejn wiehed u iehor fejn jiena rajt il-persuna, mela issa hawnekk ghandi ukoll 3 ritratti minn google maps ukoll li juru l-wisgha tat-triq minn Ismek Tifhirek u anka ukoll Triq Pietru Pawl Bezzina u l-ahhar 3 dokumenti li ghandi juri id-dawra fejn qed juru in NO Entry fejn gej jiena u l-vlegga fejn tinzel din hija triq Pietru Pawl Bezzina fejn qed turi il-karozza huma kollha wicchom l-isfel peress li hija one way u dan it-13 huwa it-tarf l-iehor ta` Pietru Pawl Bezzina fejn qed juri iz-zewg No Entry signs igifieri il-karozzi jinzlu biss.

Qorti: Ha naraw il-pendrive.

Xhud: Mela kienu 9 ta` Marzu 2020 kienu 7.30 kien diga dalam minhabba dak iz-zmein ikun ghadna bil-hin tax-Xitwa kont qed indur minn Ismek Tifhirek biex indur lejn Pietru Pawl Bezzina hekk kif dort id-

dawra waqaft biex nara jekk hux gejjin karozzi mid-direzzjoni l-ohra ghalkemm ma hemmx Stop Sign ima waqaft xorta meta rajt li ma kien hemm hadd u ma kienux gejjin karozzi hekk kif komplejt hekk kif qlajt ezatt biex inkompli bid-dawra tieghi u d-dawk tal-vettura baqa    jdur ovvjament mal-vettura tieghi ilmaht figura ticcaqlaq f`nofs tat-triq malli indunajt bil-persuna waqaft mal-ewwel,

Qorti: Kien hemm xi raguni ghaliex dort ma dortx fuq ix-xellug tat-triq meta dhalt f`dik it-triq?

Xhud: It-triq kif inhi tibqa iddur.

Qorti: Imma ghaliex dort fuq ir-right u mhux fuq il-left meta dhalt f`dik it-triq?

Xhud: Ma kontyx fuq ir-right kont fin-nofs tat-triq.

Qorti: Ghliex kont fin-nofs u mhux fuq il-left?

Xhud: Ghax hawnekk kif ghandek indikat fir-ritratt it-triq mhijiex 2 way inti tibqa ddur fil-lane tieghek.

Qorti: Ahna mhux fuq il-left insuqu Malta qed insaqsi taf li fuq il-left insuqu?

Xhud: Iva iva, mela hekk kif ma kienux gejjin karozzi u ma kien hemm hadd biex jaqsam komplejt indiur id-dawl tal-karozza kif ezatti gie fuq is-sur Mugliett waqaft ghafast il-brake waqaft u dan waqaf ghall-quddiem inzilt biex nassistieh cempiltu l-ambulanza ukoll in the meantime sakemm waslet l-ambulanza huwa qam bilqeghda ma l-art beda jcempel lit-tfajla u x-xoghol biex javzahom li ma kienx ha jidhol xoghol l-ghada imma bqajt mieghu ovvjament sakemm gew il-pulizija ukoll meta gew il-pulizija, il-pulizija hadu l-verzjonijiet taghna ezaminaw il-karozza u ma sabu l-ebda hsara fuqha umbaghad flahhar qaluli li nista immur u qaluli ukoll li jekk irid jista jfittixni huwa ukoll.

Avu: Ayrton inti ipprezentajt xi ritratt biex turi it-traffiku kif jaghddi minn dik it-triq, inti ghandek xi ritratt illi juri it-traffiku niezel minn go dak it-triq?

Xhud: Iva, dan.

Avu: Nghid sewwa li qed nara karozza niezla minn nofs hememkk?

Xhud: Iva.

Qorti: Dan DOK 13.

Avu: U mir-ritratt tista tghid kemm tista tghid ghidilna kemm hemm distanza bejn il-vettura li niezla l-

isfel u bejn iz-zewg vetturi fuq iz-zewg nahat tat-triq please?

Xhud: Mela li ghandi il-wisgha tat-triq kollha minn naha sa ohra li hija 9.18 meters dokument numru 8 DOK numru 13.

Avu: Hemm karozza li niezla hares lejn dak ir-ritratt DOK 13 sewwa u ghidli bejn wiehed u iehor jekk hemm hafna jew ftit distanza bejn il-karozza li niezla u l-karozzi li hemm fuq iz-zewg nahat tat-triq?

Xhud: Le m`hemmx hafna distanza.

Avu: Issa meta inti dak in-nhar,

Qorti: Minix nifhem ha nara ir-ritratt forsi nifhem,

Avu: Hemm karozzi fuq iz-zewg nahat tat-triq allura inti bilfors fin-nofs trid issuq.

Qorti: Jien hawnekk karozzi ipparkjati qed nara.

Avu: Iva iva hemm karozzi fuw iz-zewg nahat tat-triq illi thallilek single lane fejn inti timxiu igifieri m`hemmx left jew right dak li qed nipprova nghid jiena allura meta hu dar ma setghax jidisponi lilu innifsu. Issa meta dort inti, inti ghadek kif ghedtilna dort umbaghad bdejt diehel dik it-triq li

qeghda one way il-fuq umbaghad rajtu issa il-parte civile il-vittma meta qed jixhed qal illi inti ilqattu fil-kantuniera u kaxkartu inti x`ghandek xi tghid f`dan ir-rigward?

Xhud: Le ma naqbilx ma dik il-verzjoni minhabba li l-ewwel nett ma naqbilx ukoll mal-verzjoni li qal li kien tielgha il-bankina ghax kien hemm il-karozzi ipparkjati jien ma stajtx kont qed insuq ezatti mal-bankina biex nolqtu ghax inkella nidhol gol-karozzi ipparkjati, jiena meta rajtu waqaft dak il-hin ghafast il-brake waqaft u ezatti malli waqaft huwa inqeleb il-quddiem mhux fuq il-vettura il-quddiem.

Avu: U fejn imma?

Xhud: Mela ghandi dokument li juri ezatt.

Avu: Ghaliex kif taf li ma kaxkartux?

Xhud: Mela dan id-dokument hawnekk qed juri ezatt bejn wiehed u iehor dokument numru 7 qed juri fejn hemm qed juri ic-cirku bla-ahmar bejn wiehed u iehor fejn sehh l-impatt skond kif qed jghid il-persuna is-sur Mugliett.

Qorti: L-impatt jew fejn rajtu ghax qabel fejn rajtu ghedtli?

Xhud: Fejn rajtu ghax jien malli rajtu waqaft ezatt.

Avu: Xejn iktar mix-xhud.

Pros: Sinjur tiftakar il-verzjoni tal-pulizija x`ghedtilhom inti?

Xhud: Jiena dak il-hin bix-xokk li kelli fuqi meta tara persuna f`nofs tat-triq u ezatti kif tafas il-brake taqa quddiem tahseb li lqattu fil-verita illum il-gurnata,

Pros: X`hghedtilhom wiegeb x`ghedtilhom lil pulizija?

Xhud: Lil pulizija li lqattu dak il-hin, illum il-gurnata dak il-hin ovvjament kelli xokk fuqi,

Qorti: Ma lqattux qed tghid int?

Xhud: Illum jiena nghid li ma lqattux.

Qorti: Allura kif spicca minn fuq il-post gol-ambulanza b`sieq inkissra kisirha meta waqagha ma l-art igifieri qed tghidli?

Xhud: Minix tabib ma nafx.

**Ikkunsidrat**

Dan l-incident sehh meta l-imputat ghazel li jidhol go Triq Pietru Pawl Bazzina fuq in-naha tal-lemin minflok ix-xellug.  Dan ifisser li kien taht self inflicted incapacity u kif ukol wera nuqqas ta proper lookout u ma setghax jirrejagixxi meta ra il-midrub fit-triq u bhekk sehh l-incident in dezmina.  Il- fatt li it -triq hi one-way ma jnehiex mill- obbligu li issuq kemm jista' jkun fuq ix-xellug. Id-dokumenti ezebiti u x-xhieda medika juru bic-car li l-griehi subiti kienu permanent ai termini tal-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta, Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artiki 328(b) u 218 (1)(2), 226(1) tal- Kap 9 , LS 65.18 Art 36 B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda tal- Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil Ayrton Azzoppardi ghal multa ta' elfejn u tlett mitt euro (2300), sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal xahar(1) u 10 punti fuq il-licenzja tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**